## EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________

**A. Dawn it-tfal jixbħu lil Ġesù? Immarka Iva jew Le, kif għandek fl-eżempju.**

***(10 marki)***

| | | Iva | Le |
|---|---|---|---|
| 1. | Anton qatt ma jitlob bil-qalb. | | X |
| 2. | Bernadette tobdi lill-ġenituri tagħha. | | |
| 3. | Paul jaqla' l-inkwiet fl-iskola. | | |
| 4. | Peter ħabib ta' kulħadd. | | |
| 5. | Shaun jitkellem pastaż. | | |
| 6. | Emanuel iħobb ħafna lit-tfal morda. | | |
| 7. | Jurgen irid bilfors jirbaħ jew jiġġieled. | | |
| 8. | Doris tħobb it-tagħlim. | | |
| 9. | Natasha ma ċċedi qatt. | | |
| 10. | Dylan isawwat lil min isawtu. | | |
| 11. | Brendan jaqla' l-inkwiet. | | |

**B. Immarka l-kaxxa t-tajba, kif għandek fl-eżempju.** ***(10 marki)***

1. Aħna nwasslu lil Ġesù lil sħabna
   a. meta nisthu nitolbu. [ ]
   b. meta nitkellmu fuq Ġesù. [X]
   ċ. meta nitkellmu fuq is-sbuħija tal-pjanti. [ ]

2. Ġesù jrid li aħna
   a. ngħixu dejjem komdi u bla tbatija. [ ]
   b. nirrabjaw meta nbatu. [ ]
   ċ. nkunu lesti li nbatu għalih. [ ]

3. Lil min jagħmel xi ħaġa ħażina
   a. għandna nidħkulu. [ ]
   b. għandna nikkoreġuh. [ ]
   ċ. għandna nagħmlu bħalu. [ ]

4. Biex ngħixu dejjem kif irid Alla
   a. għandna bżonn l-għajnuna tal-ġenituri. [ ]
   b. għandna bżonn l-għajnuna tal-għalliema. [ ]
   ċ. għandna bżonn l-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu. [ ]

5. Il-katekisti
   a. jgħallmu l-katekiżmu fil-parroċċa. [ ]
   b. jarmaw il-knisja għall-festa. [ ]
   ċ. jieħdu ħsieb il-morda tal-parroċċa. [ ]

6. Biex inkunu verament membri ħajjin tal-parroċċa
   a. għandna nidħlu fit-tim tal-futbol. ☐
   b. għandna mmorru l-iskola taż-żfin. ☐
   ċ. għandna nkunu membri ta' xi għaqda reliġjuża. ☐

7. Il-martri huma dawk li
   a. jgħallmu l-katekiżmu. ☐
   b. jmexxu l-parroċċa. ☐
   ċ. mietu għal Ġesù u t-tagħlim tiegħu. ☐

8. Biex inġibu l-paċi fost sħabna tal-klassi rridu
   a. nagħmlu dejjem il-*homework*. ☐
   b. naħarbu kliem u għemil li jġib il-ġlied. ☐
   ċ. nistudjaw għall-eżami. ☐

9. Għandna nħennu għar-refuġjati
   a. għax fihom naraw lil Ġesù. ☐
   b. għax dawn ġew minn pajjiżi fil-bogħod. ☐
   ċ. għax dawn kollha nies tajbin. ☐

10. L-iktar ħaġa importanti fit-talb hi
   a. li nkellmu lil Alla bl-imħabba. ☐
   b. li nkunu nafu t-talb sewwa bl-amment. ☐
   ċ. li meta nitolbu ninstemgħu. ☐

11. Fil-Griżma, l-Ispirtu s-Santu
   a. jagħmilna intelliġenti fl-iskola. ☐
   b. jagħmilna nies ta' kuraġġ quddiem il-ħażen. ☐
   ċ. jaħfrilna d-dnub tan-nisel. ☐

**Ċ. Kompli dawn is-sentenzi.** ***(10 marki)***

1. L-anġlu t'Alla ħabbar lil Marija *u hija saret omm mill-Ispirtu s-Santu*.

2. Hawn jien qaddejja tal-Mulej ____________________

3. U l-Iben t'Alla sar bniedem ____________________

4. Henjin dawk li jġibu l-paċi ____________________

5. Henjin dawk li jħennu ____________________

6. Henjin dawk li huma safja f'qalbhom ____________________

**D. Qabbel dawn is-sentenzi, kif għandek fl-eżempju.** ***(10 marki)***



| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Missier David | | bħala sultan. |
| 2. | Meta kien tifel, David kien joqgħod | | suldat b'saħħtu, kbir daqs ġgant. |
| 3. | Il-profeta Samwel dilek lil David | | kien igħir għal David. |
| 4. | Meta Samwel dilek lil David | | f'Betlehem. |
| 5. | Bil-qawwa ta' Alla David qatel | | li l-Messija jitwieled min-nisel tiegħu. |
| 6. | Is-sultan Sawl | | b'għanjiet li nsejħulhom Salmi. |
| 7. | David qatt ma ried | | imma ddispjaċieh u Alla ħafirlu. |
| 8. | Meta miet Sawl | 1 | kien jismu Isaj. |
| 9. | David kien ifaħħar lil Alla | | l-Ispirtu s-Santu ġie fuqu. |
| 10. | Alla wiegħed lil David | | joqtol lis-sultan Sawl. |
| 11. | David għamel dnub kbir | | David laħaq sultan. |

**E. Kompli dawn is-sentenzi dwar l-Ispirtu s-Santu, kif għandek fl-eżempju.** ***(10 marki)***



1. L-Ispirtu s-Santu għen lill-profeti <u>*biex jifhmu l-kelma t'Alla u jgħiduha lill-oħrajn*</u>.
2. Fil-Magħmudija, l-Ispirtu s-Santu ________________________________________ .
3. Fil-Griżma, l-Ispirtu s-Santu ____________________________________________ .
4. L-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli fil-festa ta' _________________________ .
5. L-Ispirtu s-Santu ta l-kuraġġ lill-martri biex ____________________________ .

6. Biex naħarbu d-dnub, għandna bżonn ___________________________________ .
7. Biex nifhmu l-Kelma ta' Alla għandna bżonn_______________________________ .
8. Il-ġisem tagħna hu ħaġa qaddisa għax ___________________________________ .
9. L-Ispirtu s-Santu jgħin lill-Papa biex ____________________________________ .
10. L-Ispirtu s-Santu deher qisu ħamiema meta ______________________________ .
11. L-Ispirtu s-Santu jagħmilna xhieda ta' ___________________________________ .

**F. Wieġeb fi kliemek dawn il-mistoqsijiet dwar il-Bibbja.** ***(10 marki)***




1. Għaliex il-Bibbja hi daqshekk importanti għalina l-insara? ______________________
_____________________________________________________________________
2. Min għandu s-setgħa minn Ġesù li jfisser l-Iskrittura? ________________________
_____________________________________________________________________
3. Liema hi l-akbar ġrajja tal-Poplu t'Alla fit-Testment il-Qadim? __________________
_____________________________________________________________________
4. Semmi żewġ profeti mit-Testment il-Qadim li qrajt dwarhom din is-sena. __________
_____________________________________________________________________
5. X'kien ix-xogħol li Alla ried li jagħmlu l-profeti? ___________________________
_____________________________________________________________________

**Ġ. Kif għandhom dawn it-tfal iwasslu lil Ġesù għand sħabhom?** ***(10 marki)***
**L-ewwel sentenza hija eżempju.**

1. Ġorġ sema' lil sieħbu jitkellem ħażin. *Ġorġ għandu jikkoreġih bil-ħlewwa.*
2. Marija għandha tifla refuġjata fil-klassi tagħha. __________________________
3. Lil Thomas bdew jgħajruh għax imur il-katekiżmu. _________________________
4. Anġela taf tnejn mill-klassi tagħha miġġeldin. ____________________________
5. Simon jaf li sieħbu ma jmurx quddies il-Ħadd. ____________________________
6. Andrew hu tifel ta' familja sinjura u għandu ħafna flus. _____________________

**G. Aqra din l-istorja. Wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.** ***(10 marki)***

San Franġisk twieled f'Assisi, belt fin-nofs ta' l-Italja. Missieru kien sinjur kbir, jismu Bernardone. Kien negozjant tad-drappijiet. Meta kien żagħżugħ, kien iħobb jilbes pulit, jixxala mal-ħbieb u jgħix ta' sinjur. Xtaq li jsir kavallier u jmur għall-gwerra.

Meta kellu tlieta u għoxrin sena nduna li biex ikun verament ferħan, ried iwarrab kollox u jimxi wara Ġesù. U hekk għamel. Ta l-flus li kellu lill-fqar, libes libsa ta' fqir u beda jgħix kelma b'kelma kif qalilna Ġesù fil-Vanġelu. Il-ferħ tiegħu sabu f'Alla u fil-ħolqien. Meta rawh daqshekk ferħan, xi wħud minn sħabu għamlu bħalu u marru miegħu. Indunaw huma ukoll li l-veru triq li twassal għall-hena mhix il-flus imma l-faqar. Ġesù qalilna, "Imberkin il-fqar f'qalbhom, għax tagħhom hija s-saltna tas-sema."

Biex tkun fqir f'qalbek, trid tħobb lil Alla u lill-proxxmu aktar mill-flus jew xi ħaġa oħra. Il-flus tridhom biex tkun tista' taqdi lill-oħrajn u tagħti glorja lil Alla.

Meta San Franġisk warrab il-ġid kollu li kellu, sab ferħ kbir f'Alla u fil-ħolqien. Għalhekk insejħulu l-qaddis ta' l-ambjent u ta' l-annimali. Fil-festa tiegħu, fl-4 ta' Ottubru, fl-iskola nagħmlu *'Animal Awareness Day'* biex niftakru li għandna nħobbu 'l-annimali bħal San Franġisk.

**Wieġeb**

1. Fejn twieled San Franġisk? ______________________________
2. X'kien jismu missieru? ______________________________
3. X'kien iħobb San Franġisk meta kien żagħżugħ? ______________________________
4. X'għamel meta kellu 23 sena? ______________________________

   ______________________________
5. Fejn sab il-ferħ tiegħu? ______________________________
6. Kompli din is-sentenza, "Henjin il-fqar f'qalbhom, ______________________________

   ______________________________"
7. Xi tfisser tkun fqir f'qalbek? ______________________________

   ______________________________
8. Semmi żewġ eżempji kif nieħdu ħsieb l-ambjent ta' pajjiżna. ______________________________

   ______________________________
9. Semmi żewġ eżempji kif nieħdu ħsieb l-annimali. ______________________________

   ______________________________
10. Meta niċċelebraw l-'*Animal Awareness Day'* fl-iskola? ______________________________

    ______________________________

**GĦ. Kompli dawn is-sentenzi dwar Mosè.** ***(10 marki)***
**Ara l-eżempju fl-ewwel sentenza.**



1. Meta twieled Mosè, il-Fargħun *ried joqtol lit-trabi subien kollha li twieldu*.
2. Lil Mosè rabbietu ____________________
3. Mose ħarab mill-Eġittu għax ____________________
4. Waqt li kien jirgħa n-ngħaġ, Mosè ra ____________________
5. F'dik id-dehra, Alla kkmandah biex ____________________
6. Mosè mar għand il-Fargħun u qallu biex ____________________
7. Il-Fargħun ma obdiex u Alla kkastigah billi ____________________
8. Qabel ħarġu mill-Eġittu, il-Lhud kielu ____________________
9. Huma ċappsu l-ġnub tal-bibien ____________________
10. Il-Lhud ħelsu mill-Eġittu meta qasmu ____________________
11. Meta waslu fejn il-muntanja Sinaj, Alla ta lil Mosè l- ____________________

**H. Ikteb sentenza biex turi min kienu dawn il-qaddisin.** ***(10 marki)***

1. San Martin ____________________
____________________
2. San Duminku Savio ____________________
____________________
3. Santa Tereża ____________________
____________________
4. San Ġwann Marija Vianney ____________________
____________________
5. San Ġustinu ____________________
____________________